MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 1777/2002

**Gaetano u Joyce konjugi Chetcuti**

**Vs**

**Carmen Brincat u Tonio Brincat**

It-Tribunal,
Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' Lulju 2002 fejn l-atturi talbu sabiex is-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' Lm362.04 (tlett mija u tnejn u sittin Lira Maltin u erba` centezmi) rapprezentanti ta' xogholijiet li saru fil-propjeta` ta' l-atturi fuq inkarigu tal-konvenuti.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-
L-atturi qeghdin jitolbu lil dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jukkundanna lill-konvenuti, huma jew minn minnhom, is-somma ta' tlett mija u tnejn u sittin lira Maltin u erba` centezmi (Lm362.04) jew somma ohra verjuri rapprezentanti danni sofferti mill-atturi konsegwenza tal-fatt illi l-istess atturi, fuq inkarigu u insistenza tal-

konvenuti, gew kostretti li jaqilghu il-madum tal-kamra tal-banju tal-fond taghhom 140, Triq Gheriexen, Rabat u jibdlu l-kummnikazzjonijiet stante li l-istess konvenuti allegaw illi kien qed jidhlilhom ilma mil-kamra tal-banju tal-atturi ghall-garage tal-konvenuti li jinsab sottostanti, u dan meta tali xogholijiet ma kienux mehtiega u bl-ezercizzju tad-debita diligenza kienu jigu evitati, bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-
Illi l-konvenut ma taw ebda inkariku fuq ordni biex l-atturi jaqilghu xi madum jew jaghmlu xi xogholijiet; illi t-talbiet attrici huma infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt;

Illi l-konvenuti iridu jiskopru minn fejn kien gej l-ilma u staqsew lil atturi jekk kienx gej min ghandhom. Qatt ma talbuhom jaghmlu x-xogholijiet minnhom maghmula.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:
Illi l-atturi ghandhom kamra tal-banju ezatt fuq il-garaxx proprjeta' tal-konvenuti. In vista li kien jidhol l-ilma ghal diversi drabi l-atturi spiccaw biex qalghu l-kamra tal-Banju taghhom. Jirrizulta sussegwentement li skond l-istess atturi, ma kienx derivanti minghandhom l-ilma li kien jiskula fil-garaxx sottostanti.

Sabiex jevitaw aktar lamenti, l-atturi qabdu u qalghu l-kamra tal-banju. Dana ghamluh pero' minghajr ma nkarigaw xi nies esperti sabiex jistharrgu l-istess problema. Meta irrizultalhom li ma kienx minn hemm, talbu r-rifuzjoni tal-ispiza lill-konvenuti.

Illi ma jirrizultax illi l-konvenuti taw xi struzzjonijiet lill-atturi biex ikissru l-kamra tal-banju taghhom biex iwaqqfu l-ilma li kien qed inixxi ghand il-konvenuti. Kull ma ghamlu l-konvenuti kien li ressqu il-lament taghhom lill atturi.

Billi l-kamra tal-banju kien fil-proprjeta' taghhom, stara a loro li jaraw minn fejn gej l-ilma, aktar u aktar meta fuq il-garaxx kien hemm kamra tal-banju. Pero' dana l-atturi

ghamluh bl-aktar mod skonsiljat u sragonat. Messhom fittxew pariri teknici minn nies addetti f'dak ix-xoghol. L-inkompetenza taghhom ma tistax tiigi skarigata fuq il-konvenuti.

Jiddeciedi billi jilqa' l-eccezzjoni tal-konvenuti, jichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra l-istess atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------